REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/704

tad-19 ta' April 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 891/2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra ([2]) ("l-FSA") ġie ffirmat fis-16 ta' Ġunju 2008 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2015. L-Artikolu 27(3) tal-FSA jipprovdi aċċess bla dazju fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw fil-Bożnija-Ħerzegovina tal-intestaturi 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda, fil-limitu ta' kwota tariffarja annwali ta' 12 000 tunnellata.

(2) Il-Protokoll mal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-15 ta' Diċembru 2016 sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ([3]) ("il-Protokoll"). L-iffirmar tiegħu f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu kienet awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 ([4]).

(3) L-Artikolu 2(1) tal-Protokoll jipprevedi bidliet fil-kwoti tariffarji eżistenti għaz-zokkor li joriġina fil-Bożnja-Ħerzegovina b'effett mill-1 ta' Frar 2017. Il-kwota tariffarja annwali għaz-zokkor qed tiżdied minn 12 000 tunnellata għal 13 210 tunnellata.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 ([5]) jipprovdi għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur taz-zokkor, inklużi dawk li joriġinaw fil-Bożnija-Ħerzegovina. Sabiex wieħed jimplimenta l-kwoti tariffarji taz-zokkor preskritti fil-Protokoll, jeħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jiġi emendat skont dan.

(5) Billi l-Protokoll japplika mill-1 ta' Frar 2017, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-istess data u jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) L-Artikolu 27(3) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra (*), kif emendat bil-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (**),

(*) ĠU L 164, 30.6.2015, p. 2
(**) ĠU L 12, 17.1.2017, p. 3."

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 164, 30.6.2015, p. 2.
([3]) ĠU L 12, 17.1.2017, p. 3.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 12, 17.1.2017, p. 1).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).

(2) Fl-Anness I, il-Parti II jinbidel bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Frar 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"Parti II: Zokkor Balkani

Pajjiż Terz jew Territorju Doganali	Numru tal-ordni	Kodiċi tan-NM	Kwantitajiet (tunnellati)	Rata fil-kwota (EUR/tunnellata)
L-Albanija	09.4324	1701 u 1702	1 000	0
Il-Bożnija-Ħerzegovina	09.4325	1701 u 1702	13 210	0
Is-Serbja	09.4326	1701 u 1702	181 000	0
L-*ex*-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	09.4327	1701 u 1702	7 000	0"